Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 326 / 2018

Il-Pulizja

(Spettur Priscilla Caruana Lee)

Vs

Rashad Mabruk

Illum 01 ta' Novembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Rashad Mabruk detenur tal-karta tal-identita Maltija 154699 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-31 ta' Jannar 2018 ghall-habta tal-11:20hrs minn gewwa l-hanut Sunlab, numru 287, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta:

1. ikkommetta serq ta' arlogg tad-ditta 'Michael Kors' liema serq huwa ikkwalifikat bl-ammont liema ammont jaccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) u dan ghad-detriment ta' Cynthia Ciappara u/jew persuna jew

persuni ohra u dana bi ksur tal-artikolu 261, 267 u 279 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Akkuzat ukoll talli nhar id-19 ta' Mejju 2018 minn gewwa l-istabbiliment Bling by Supergold Jewellers, Triq il-Korp tal-Pijunieri, San Pawl il-Bahar:

2. ikkommetta serq ta' arlogg tal-ghamla 'Mark Maddox', liema ammont jeccedi s-somma ta' tlieta w ghoxrin euro w disgha w ghoxrin centezmu (23.92) izda ma jeccedix is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro w erbgha w disghin centezmu (232.94) u dan ghad-detriment ta' Maria Elena Ebejer Ciantar u/jew persuna jew persuni ohra u dana bi ksur tal-artikolu 261, 284 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta

Akkuzat ukoll talli nhar it-13 ta' Gunju 2018 minn gewwa l-istabbiliment BLing by Supergold Jewellers, Triq il-Korp tal-Pijunieri, San Pawl il-Bahar:

3. ikkommetta serq ta' arlogg tal-ghamla 'Fossil', liema ammont jeccedi s-somma ta' tlieta w ghoxrin euro w disgha w ghoxrin centezmu (23.92) izda ma jeccedix is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro w erbgha w disghin centezmu (232.94) u dan ghad-detriment ta' Maria Elena Ebejer Ciantar u/jew persuna jew persuni ohra u dana bi ksur tal-artikolu 261, 284 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

F'kaz ta' htija l-Qorti ghandha titratta ma Rashad Mabruk li huwa recediv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, billi kien gie misjub hati b'sentenzi tal-Qorti ta' Malta, li saru definittivi u ghaldaqstant ma' jistghux jinbidlu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-11 ta' Lulju, 2018, fejn il-Qorti li rat l-Artikoli 261 (c), 267, 279 (a), 284, 285, 49, 50

u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u ikkundannatu ghal piena ta' tletin (30) xahar prigunerija effettiva.

Inoltre ai termini 24 tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta, rez applikabbli ghal dawn il-proceduri bl-Artikolu 532 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ikkundannat lill-hati, ihallas:

1. l-ammont ta' mitejn u sitta u hamsin Euro u erba' u erbghin (€256.44) centezmu lil Cynthia Ciappara;
2. l-ammont ta' sitta u tmenin (€86.00) Euro lil Maria Elena Ebejer Ciantar; u
3. l-ammont ta' mija u disa' u hamsin Euro (€159.00) lil Maria Ebejer Ciantar.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Rashad Mabruk, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar id-19 ta' Lulju, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi **tirriforma** s-sentenza u filwaqt illi **tikkonfermaha** fil-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu **tirriforma** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi l-esponenti appellant ser ikun qieghed jinterponi dan l-umli appell mill-piena erogata fil-konfront tieghu mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

Illi l-appellant jirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti u cioe' ta' tletin (30) xahar prigunerija, meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern.

Illi l-valur tal-oggetti misruqa ma kienx jammonta iktar minn hames mija u wiehed ewro u erbgha u erbghin centezmu (€501.44) b'kollox. L-ewwel imputazzjoni, li kienet ta' l-ammont ta' mitejn, sitta u hamsin ewro u erbgha u erbghin centezmu (€256.44), kienet l'unika wahda ikkwalifikata bil-valur, u dan bl-ammont ta' tlieta u ghoxrin ewro u hamsin centezmu (€23.50) biss. Iz-zewg imputazzjonijiet l-ohra kienu tal-valur ta' sitta u tmenin ewro (€86) u mija u disgha u hamsin ewro (€159) biss.

Illi skond l-artikolu 279(a) tal-Kap 9 il-piena ghal serq aggravat bil-valur hija minn hames xhur sa tliet snin, filwaqt li l-piena ghal serq semplici skond artikolu 285 tal-Kap 9 hija minn xhar sa sitt xhur. L-Ewwel Onorabbli Qorti taghtu piena lejn il-massimu li setghet taghtu u fir-rigward tar-ricediva taghtu l-massimu zieda fi gradi skond l-artikolu 289 tal-Kap 9. L-appellant ihoss li l-piena li nghatatlu kienet eccessiva ghar-reati in kwistjoni.

Illi di piu', l-appellant, ghalkemm ghamel ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u anki kkowopera bis-shih mall-Prosekuzzjoni, jhoss li dawn il-fatti ma gewx meqjusa meta l-Qorti ghaddiet ghal ghoti ta' piena, u dan kuntrarjament ta' kif qalet il-Qorti f'pagna 3 tas-sentenza taghha.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet assunzjoni meta qalet f'pagna erbgha tas-sentenza taghha illi *'huwa ovvju li l-imputat ma jridtx jitghallem mill-izbalji tieghu.'* L-appellant huwa tant ivvizzjat illi l-bzonn li jiehu d-droga twasslu biex jaghmel dawn ir-reati ta' serq. Huwa ghandu bzonn min jghinu sabiex jeghleb dan il-vizzju u ghalhekk jehtieg jintbaghat programm mill-aktar fis. Ghalkemm huwa nghata diversi sentenzi fil-passat qatt ma ntbaghat jaghmel programm biex jeghleb dan il-vizzju.

Illi l-appellant ghandu bzonn l-ghajnuna sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga li hakmu serjament. L-appellant jixtieq li jeghleb il-vizzju tad-droga, izda l-problema hakmitu tant serjament illi sforz li jkun iddisprat ghad-droga jispicca jaghmel ir-reati in kwistjoni. Huwa ghandu bzonn li tinghatalu l-ghajnuna mill-aktar fis possibli u mhux li jintbaghat jiskonta piena karcerarja fejn il-problema tista' taggravalu flok tissolvilu!

Illi l-Qrati u l-gurisprudenza nostrana dejjem ghalmu li persuna jkollha kemm ikollha kondotta kkulurita ghandha tinghata c-cans li tirriforma, dejjem jekk turi x-xewqa li taghmel dan.

Illi fil-kaz odjern l-esponent qieghed juri x-xewqa illi jirriforma, stante anki li ammetta l-izball li ghamel u rregistra ammissjoni u forsi l-unika imbottatura illi ghandu bzonn sabiex jimxi 'l quddiem f'hajtu hija opportunita mill-Qrati taghna. Ghaldaqstant, ikun ta' detriment kbir ghalih illi jintbaghat il-Facilita Korrettiva ta' Kordin flok jinghata l-ghajnuna mehtiega biex jeghleb il-vizzju tad-droga li ghandu.

Fil-fatt fis-sentenza **Il-Pulizija vs Stephen Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Settembru, tas-sena 2003, il-Qorti qalet illi:

> *'Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karcerarja tidher inadatta…Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero' llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.'*

F'dan l-istadju l-appellant jaghmel referenza ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li sahansitra kienu recidivi wkoll nghataw opportunita' ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe' fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' **Il-Pulizija vs Charlot Aqulina**, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-7 ta' Novembru tas-sena 2008, il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla**.** F'dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi tieghu kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi akkuzat kien recidiv, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu ordni ta' Probation. Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet, reggha' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga…u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba.

Fis-sentenza, **Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ottubru 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

> *'Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak ii jkun,* ***mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge*** *jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha*

*tat-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed (2001) fl-ismijiet* ***<u>il-Pulizija V. George Farrugia</u>****: "Issa, huwa veru li l-appellant ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li din l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellant ilium ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta lqrati applikaw fii-konfront tieghu sia l- Artikoiu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija tal-kundanni, pero', jinvolvu multi u habs. Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' lAvukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbii" fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss ii ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita' assoluta anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta' mhux zghira u li forsi hu recidiv,* ***tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija****."*

Ghalhekk, kif intqal mill-Qrati diversi drabi, l-aspett illi jrid jigi inflitt huwa dak riformattiv u mhux dak retributtiv, kif sfortunatament ghamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti, stante' illi skartat diversi kunsiderazzjonijiet a favur l-esponenti illi setghet hadet sabiex timponi piena aktar lejn l-aspett riformattiv milli dak retributtiv.

Jekkl-appellant imur il-habs ha jbatu ntortament il-vittmi tar-reat li wettaq minhabba li mhux ha jkollu flus biex ikun jista' jhallashom. Ikun hafna izjed ghaqli li l-appelllant jintbaghat jaghmel programm tad-droga u wara jigi mghejjun isib xoghol sabiex ikun jista' jhallas il-vittmi tar-reat li ghamel.

Rat l-atti kollha tal-process;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti;

Rat l-aggravji tal-appellanti;

Rat id-dokumenti kollha;

Semghet is-sottomissjonijiet verbali tad-difensur tal-appellant kif ukoll dawk tal-Avukat Generali;

Ikkunsidrat,

Illi l-fatti fil-qososr li taw lok ghal dan l-appell huma s-segwenti. L-appellant tressaq il-Qorti nhar it-2 ta' Lulju, 2018 u gie akkuzat *inter alia* fuq tlett serqiet li gew kommessi bejn il-31 ta' Jannar, 2018 u it-13 ta' Gunju, 2018 u fit-tieni seduta tas-smiegh tal-kawza u cioe' nhar il-11 ta' Lulju, 2018, l-appellant irregistra ammissjoni quddiem l-ewwel Qorti.

Illi in segwitu l-appellant interpona l-umli appell quddiem din il-Qorti fejn fost affarjiet ohra stqarr li l-piena inflitta mill-ewwel Qorti ta' tlettin (30) xahar prigunerija kienet wahda eccessiva meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, tant li sahanstira anke qal li kienet piena sproporzjonata u dan ghar-ragunijiet segwenti:-

1. L-valur tal-oggetti missruqa ma kienux jammontaw ghal-aktar minn hames mija u wiehed u erbghin euro u erbgha u erbghin centesmu euro (€541.44).
2. L-appellant irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri.
3. L-appellant ikkopera bi shih mal-prosekuzzjoni.
4. L-appellant ghandu problema ta' abbuz ta' droga.

L-appellant fir-rikors tieghu jemmen li l-ewwel Qorti ma tatx kaz dawn l-kunsiderazzjonijiet appena imsemmija meta giet biex teroga l-piena. Spjega li wahda mis-serqiet hija aggravata bil-valur waqt li t-tnejn l-ohra huma serqiet semplici.

Illi dan l-appell huwa limitat ghal-piena erogata mill-ewwel Qorti bil-gravami singolari illi l-piena kominata kienet wahda eccessiva u esagerata u li m'hix diretta ghar-riforma tal-appellant. Kif wisq drabi ritenut minn din il-Qorti, ma huwiex normali li qua Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm din ma tkunx fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn

x'jiddimostra li kellha tkun anqas minn dik li tkun fil-fatt erogata. Ara fost skorta ta' sentenzi in rigward: "**Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**"[1]; "**Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**"[2]; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**"[3] u "**Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina"**[4] kif citati fis-sentenza ricenti "**Ir-Repubblika ta' Malta vs ommisis u Noel Frendo**"[5]. Is-sentenza hawn skrutinata, ossia il-piena kominata wara s-sejbien ta' htija, ghalhekk ser tkun hekk ezaminata minn din l-ottika;

L-ewwel imputazzjoni, cioe' r-reat ta' serq aggravat hija dik ravvizata fl-artikolu 267 tal-Kodici Kriminali li timporta piena minima ta' hames xhur massimu ta' tlett snin u dan kif dispost fl-artikolu 279(a) tal-Kapitolu 9;

It-tieni, imputazzjoni, cioe' ir-reat ta' serq semplici hija dik ravvizata fl-artikolu 284 tal-Kodici Kriminali li timporta piena minima ta' xahar u massimu ta' sitt xhur u dan kif dispost fl-artikolu 285 tal-Kapitolu 9;

It-tielet imputazzjoni, cioe' ir-reat ta' serq semplici hija dik ravvizata fl-artikolu 284 tal-Kodici Kriminali li timporta piena minima ta' xahar massimu ta' sitt xhur u dan kif dispost fl-artikolu 285 tal-Kapitolu 9.;

L-appellant kien ukoll misjub hati tal-addebitu tar-recidiva bil-prospettiva ta' zieda bi grad tal-piena applikabbli izda l-ewwel Qorti, fid-diskrezzjoni taghha ghazlet li ma tikkominax din iz-zieda in vista tal-ammissjoni bikrija tieghu. L-ewwel Qorti ghalhekk ikkalibrat il-piena fil-parametri tal-ligi u hadet kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi wiehed jibda` biex jirrileva u jissottolineja lkondotta reflettarja tal-appellant b'ghoxrin convictin registrat fuqha tal-appellant li jikkoncernaw sejbien ta' htija fuq diversi serqiet, ricettazzjoni u pusess ta' droga. Illi huwa inghata diversi pieni matul is-snin fosthom sentenzi ta' prigunerija effettiva, hlas ta' multi, sentenzi sospizi u anke probation, pero'

---

[1] Deciza fit-2 ta' Ottubru, 2002.
[2] Deciza fit-13 ta' Novembru, 2003.
[3] Deciza fl-14 ta' Gunju, 1999.
[4] Deciza fl-24 ta' April, 2003.
[5] Deciza fit-3 ta' Dicembru, 2015.

cio' nonostante ma tghallimx mill-imghoddi ghaliex jerga' jinsab il-Qorti akkuzzat bl-akkuzi odjerni.

Illi dawn is-senjalazzjonijiet qed isiru bl-iskop li jigi emfasizzat il-punt illi, minn banda is-soggett attiv tar-reat ghandu jigi rimproverat ghall-event sinistru b'imposizzjoni ta' piena li tikkorrispondi mal-effetti tal-kondotta tieghu mill-banda l-ohra, fl-imposizzjoni ta' tali piena, l-gudikant ghandu dejjem jiehu in konsiderazzjoni l-fatti specji kollha tal-kaz li jinsab quddiemu sabiex il-piena tkun verament tirrispekkja dik il-misura li gustament ghandu jissokkombi ghaliha l-appellant.

Illi in primis, jigi ribadut li l-principju regolatur in materja ta' piena hu li mhuwiex normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat (ara inter alia, "**Il-Pulizija vs Colin Spiteri**"[6]).

Illi dan hu principju generali li jirregola l-materja in kwistjoni u dan hekk kif enunzjat f'diversi gudikati tal-Qrati taghna. Illi b'referenza ghall-paragrafu precedenti jigu rikalkati u emfasizzati l-kliem/frazijiet "*mhuwiex normali*","*ma jkun hemm xejn x'jindika*", "*inqas minn dik li tkun inghatat*". Illi l-ewwel frazi tindika li dan il-principju hu wiehed generiku u ta' applikabilita` generali u li, konsegwentement, joffri certu eccezzjonijiet f'certu kazijiet. It-tieni frazi tissottolineja l-possibilita` li jekk jkunu jezistu certu fatturi emergenti mill-fatti partikolari tal-kaz, allura l-Qorti tat-tieni grad tkun propensa li tvarja l-piena erogata mill-Qorti tal-ewwel grad. It-tielet u l-ahhar frazi indikata titkellem fuq il-quantum, u allura implicitament tista` tfisser illi l-Qorti fil-grad ta' appell tista` tibdel ix-xorta u l-kwalita` tal-piena moghtija, per ezempju piena ta' prigunerija mibdula proporzjonalment ghal wahda ta' multa (illi b'analogija jigi nvokat l-artikolu 11 tal-Kap. 9 fejn l-invers hu possibbli u cioe` fejn multa ta' tithallasx mill-hati, talli tigi konvertita f'perjodu ta' prigunerija).

---

[6] Deciza fit-13 ta' Frar, 2006) [App. Krim. Nru. 160/2005 DS]

Inoltre, fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija (Spettur Noel Cutajar) vs Joseph Attard**[7] jinsab affermat illi huwa marament li l-Qorti fi stadju ta' l-appell tbiddel il-piena li tkun imponiet l-Ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal-dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi.

Applikat dan l-insenjament ghal-kaz konkrett odjern, il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti hi kkontemplata u wahda li tirrijentra fil-parametri mposti mill-Kodici Kriminali, u din il-Qorti izzid tenfasizza li ghall-fattispecji tal-kaz prezenti (essendo li l-appellant hu recidiv bi kbir fuq ir-reat ta' serq u li ghandu l-problema ta' abbuz ta' droga), hi wahda, fl-umli opinjoni tal-esponenti, xejn harxa u zgur mhux sproporzjonata ghal dak li ghamel il-hati, considerando li r-reati in kwistjoni, jigi ribadit, huma kollha volontarji, l-fatt li l-fedina penali hi wahda rfrettarja, il-fatt li ghandu problema ta' abuz ta'droga, li ghadu ma indirrizzax u tenut kont tal-fatt li l-imputat jidher li hu ta' karattru li juri nuqqas ta' affidabilita', tenendo kont li anke nstab hati ta' disprezz lejn l-Awtorita tal-Qorti meta ma attendiex ghal-seduta li giet iffissata ghas-smiegh tal-kawza tieghu.

Illi inoltre l-appellant jislet bran iehor mis-sentenza l-ahhar citata u li jghid li "*din il-Qorti gieli, ukoll, varjat xi piena meta tkun moralment konvinta li hekk ikun mehtieg sabiex ma tintilefx xi opportunita` ghall-hati li biha jkun jista` jerga` jirritorna fit-triq it-tajba, jew jirriforma ruhu, jew jfieq u johrog minn xi abbuz*" pero' din il-Qorti ghamlitha meta kellha fiducja' li dak li jkun ser ibiddel hajtu u jghin lilu innfisu jindirizza il-problemi li huwa ghandu, li f'dan il-kaz ma jidhrix li l-appellant ghamel xi haga biex jindirizza l-problema li huwa ghandu ta' abbuz ta' droga u talli hu dak li bl-Ingliz jissejjah '*Cleptomaniac*'.

[7] Deciza fil-26 ta' Jannar, 2001 mill-Qorti tal-Appell Kriminali

Illi l-esponent jaghmel riferenza ghal gudikat fl-ismijiet "**<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef</u>**"[8] fejn hemm rintraccjat l-iskop tal-piena –principalment ta' dik karcerarja – fejn hemm ritenut illi :

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm irrizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. F'dn il-kaz il-hati ma ghamel lebda tenttaiv abeix ighamel tajjeb ghad dannu li sofriet I socjeta bl-ghemil illegali teighu.*

*Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta`, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, s-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serja hafna ta' abbuz ta' droga u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita' sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu, pero' meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn din il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita' u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga' jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta'.

Illi f'dan il-kaz, il-Qorti thoss li dak li stqarr l-appellant fir-rikors tieghu u cioe' li l-ewwel Qorti ma tatx kaz li l-appellant kellu din il-problema meta giet biex tikkomina l-piena m'ghandux mis-sewwa u dan ghaleix din il-Qorti lanqas bis applikat id-diskrezjzoni taghha li zzid il-piena stante li sabet lill-appellant hati talli hu recidiv. Pero' l-appellant min naha tieghu ma ghamel xejn sabiex jghin lilu innfisu quddiem l-ewwel Qorti biex juri r-rieda tajba tieghu biex jindirizza l-problema tieghu u issa ma jistax jigi quddiem din il-

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Novembru, 2006.

Qorti u jghid li ma sabx l-ghajnuna biex jindirizza l-problema. Ghalhekk bil-piena karcerarja imposta lilu mill-ewwel Qorti l-appellant ghandu jitlob lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jghinu jindirizza l-problema tieghu u dan bil-ghan li meta jiskonta s-sentenza tieghu, johrog bhala persuna aktar affidabbli u jzomm il-boghod mill-hajja ta' kriminalita'.

Ghal dawn il-motivi, l-ewwel sentenza qed tigi konfermata u l-appell qed ikun michud.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur